# SIR M.A. REFALO Sixth Form

## Prospett & Programm AcademiaPlus 2025 - 2027

# SIR M.A. REFALO
# Sixth Form

## Prospett & Programm AcademiaPlus
## 2025-2027
## L-esperjenza edukattiva magħna

# Introduzzjoni

# Merħba mill-Kap tal-Iskola

Dan il-Prospett iwassal lill-qarrej lejn dak li toffri Sir M.A. Refalo Sixth Form għas-sena akkademika li ġejja. Fih wieħed isib tweġibiet għal ħafna mistoqsijiet preliminari dwar l-iskola tagħna u l-korsijiet offruti. Nirrakkomandaw li taqraw dan il-ktieb b'attenzjoni sabiex tkun tistgħu tieħdu deċiżjoni infurmata dwar il-korsijiet u x'inhu meħtieġ għad-dħul tagħhom. Għaldaqstant, it-tim tal-Guidance tagħna dejjem jinsab disponibbli f'każ li jkun hemm bżonn aktar għajnuna.

Sir M.A. Refalo Sixth Form dejjem tat prijorità sabiex tippromwovi ġenerazzjonijiet futuri permezz ta' komunità ta' tagħlim li qed tevolvi kontinwament. Hekk kif inkomplu nimxu 'l quddiem, aħna naħdmu bis-sħiħ sabiex noffru korsijiet aċċessibbli u inklussivi, li addattati għall-bżonnijiet u aspirazzjonijiet diversi tal-popolazzjoni varjata tal-istudenti tagħna.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-istaff li taw l-għajnuna tagħhom sabiex jaġġornaw dan il-Prospett, sabiex jipprovdu l-aqwa esperjenza ta' tagħlim lill-istudenti. Is-suċċess tagħna huwa mibni fuq l-impenn li nipprovdu lill-istudenti tagħna l-ogħla livelli possibbli ta' tagħlim, kura, gwida u appoġġ.

Nittama li ssib dan il-Prospett informattiv u ta' għajnuna. Barra minn hekk, nistennew bil-ħerqa li nilqgħukom f' Sir M.A. Refalo Sixth Form fis-sena akkademika li jmiss. Nawguralkom kull suċċess fl-istudji tagħkom u fil-karriera futura tagħkom.

Frankline Zammit Galea
Kap tal-Iskola

## Dwar l-Iskola

F'Sir M.A. Refalo Sixth Form, iż-żgħażagħ jesperjenzaw l-ewwel togħma tal-ħajja akkademika terzjarja lill-hinn mill-edukazzjoni obbligatorja. Ġeneralment, l-iskola tagħna sservi bħala l-għatba għall-professjoni jew il-karriera li jagħżlu, kemm jekk fi studji aktar avvanzati kif ukoll fid-dinja tax-xogħol. F'ambjent rinovat u akkoljenti, il-programmi edukattivi tagħna joffru firxa wiesgħa ta' għażliet imfassla apposta skont il-preferenzi u (l-inklinazzjonijiet) individwali. Eventwalment, l-istudenti jieħdu rwol aktar ċentrali fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Tul il-kors, l-istaff professjonali tagħna huwa dejjem disponibbli biex joffru assistenza, gwida u appoġġ, fejn wieħhed jingħata l- opportunita' li jiddiskuti. Il-bilanċ bejn attivitajiet u inizjattivi jagħmel il-kurrikulu avventura ta' skoperta, bl-istudenti fiċ-ċentru tal-vjaġġ tagħhom edukattiv biex iwettqu il-ħolm tagħhom.

## SLT

Kap: Sa Frankline Zammit Galea

Deputat Kap: Sa Joany Mizzi
Deputat Kap: Sa Maureen Muscat
Deputat Kap: Sa Miriam Debono Curmi
Deputat Kap: Sa Abigail Camilleri

## It-Tim tal-Guidance

Sa Miriam Portelli
Sa Bernardina Attard
Sur Domenic Cutajar

# Kontenut

# Korsijiet Full Time

Kors 1: MC
Għażla 1: Kors tal-Matrikola (Matsec)
Għażla 2: Kors Livell Avvanzat – 3 suġġetti

Kors 2: AIO
Avvanzat/Intermedju/Ċertifikat taċ-ĊES

Kors 3: ĊES
Għażla 1: Suġġetti Reviżjoni
Għażla 2: Studji Akkademiċi Part-time



http://smarsf.edu.mt

## Kors 1:
## Għażla 1: Kors tal-Matrikola (Matsec)

Dan il-kors huwa maħsub għal dawk l-istudenti li jixtiequ jagħmlu l-Eżami tal-Matrikola tal-Università ta' Malta.
Student li jsegwi l-kors tal-MATSEC irid jistudja sitt suġġetti fl-iskola tagħna matul l-ewwel sena. Il-kors tal- MATSEC huwa l-UNIKU kors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Università ta' Malta. Ir-regolamenti tal-Università ta' Malta u r-rekwiżiti tal-għażla tas-suġġetti japplikaw meta wieħed jirreġistra għal dan il-kors.

Kontenut tal-Kors ta' Sentejn

- Żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat
- Tliet suġġetti fil-Livell Intermedju
- Oqsma tal-Għerf (SOK)

### L-għażla tas-suġġetti trid issir mit-tabella hawn taħt:

| Grupp 1: | Grupp 2: | Grupp3: | Grupp 4: |
|---|---|---|---|
| Ingliz | Accounting | Bijoloġija | Arti |
| Franciz | Ġeografija | Pure Mathns | Teatru u Prestazzjoni |
| Germaniz | Ekonomija | Fiżika | Komunikazzjoni Grafika |
| Taljan | Studji Klassiċi* | Kimika | Home Economics and Human Ecology |
| Malti | Storja | Computing | Mużika |
| Russu | Marketing | Environmental Science* | Edukazzjoni Fiżika (PE)* |
| Spanjol | Filosofija | Applied Maths* | Teknoloġija Informatika (IT) |
| | Psikoloġija* | | |
| | Soċjoloġija | | |
| | Tagħlim Reliġjuż | | |

* Offerti fil-Livell Intermedju biss

## Linji gwida għall-għażla tas-suġġetti:

a. WIEĦED mis-suġġetti magħżula għandu jkun minn-Grupp 1: WIEĦED għandu jkun minn-Grupp 2 u ieħor WIEĦED mnnn-Grupp 3. Iż-ŻEWĠ suġġetti li jifdal jistgħu jintgħażlu minn kwalunkwe grupp.
b. L-ebda suġġett ma jista' jittieħed kemm fil-Livell Avvanzat kif ukoll fil-Livell Intermedju.
c. Environmental Science ma jistax jittieħed ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin: Fiżika, Kimika u Bijoloġija.
d. Computing ma jistax jittieħed mat-Teknoloġija tal-Informatika (IT).

## Rekwiżiti tad-Dħul għall-KORS tal- MATSEC:

Minimu ta' ĦAMES passes fil-Livell Ordinarju (SEC/GCE) fil-Livell 3/GRAD C jew aħjar kif ġej:
• 2 passes mill-Ingliż, il-Matematika, il-Malti*
• kwalunkwe 3 suġġetti oħra mil-lista approvata tal-Università ta' Malta. Madankollu, ċertifikat wieħed ikklassifikat fil-Livell MQF 3 mill-MQRIC għandu jiġi rikonoxxut bħala validu għad-dħul f'dan il-kors.

*fir-rigward tas-suġġetti li ġejjin: Malti, Taljan u Tagħlim Reliġjuż jista' jiġi ppreżentat BISS - Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC).

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Passes fil-Livell Ordinarju fil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika xorta jkunu meħtieġa meta wieħed japplika għal kors fl-Università ta' Malta.

## Il-Malti bħala rekwiżit għad-dħul fl-Università ta' Malta

Applikant Malti, li għex u studja barra minn Malta għal perjodu sinifikanti matul l-aħħar erba' snin, u ma rċeviex tagħlim adegwat fil-Malti jista' jippreżenta pass fil-Livell 3 fil-Malti bħala Lingwa Barranija (SEC) jew f'lingwa oħra fis-SEC fil-Livell 3.

Applikant internazzjonali, li segwa mill-inqas erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja obbligatorja f'Malta, jista' jippreżenta pass fil-Livell 3 fil-Malti bħala Lingwa Barranija (SEC) għad-dħul.

Applikant internazzjonali, li segwa inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja obbligatorja f'Malta, jista' jippreżenta jew pass fil-Livell 3 fil-Malti bħala Lingwa Barranija (SEC) jew f'lingwa oħra fis-SEC fil-Livell 3.

## Għażla 2: Kors ta' Tliet Livelli Avvanzati

**L-istudenti li jagħżlu dan il-kors iridu jagħżlu TLIET suġġetti ta' Livell Avvanzat mit-tabella hawn taħt:**

- **Accounting**
- **Bijoloġija**
- **Ekonomija**
- **Franċiż**
- **Storja**
- **Teknoloġija Informatika (IT)**
- **Pure Maths**
- **Fiżika**
- **Kimika**
- **Komunikazzjoni Grafika**
- **Ġeografija**
- **Taljan**
- **Malti**
- **Filosofija**
- **Soċjoloġija**
- **Spanjol**
- **Arti**
- **Computing**
- **Ingliż**
- **Ġermaniż**
- **Home Economics**
- **Marketing**
- **Mużika**
- **Tagħlim Reliġjuż**
- **Teatru u Prestazzjoni**

***Fir-rigward tas-suġġetti li ġejjin: Malti, Taljan u Tagħlim Reliġjuż jista' jiġi ppreżentat BISS Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC).***

## Rekwiżiti tad-Dħul għall-Għażla tal-KORS TA' TLIET SUĠĠETTI F'LIVELL AVVANZAT:

**- 2 passes mill-Ingliż, il-Matematika, il-Malti***

**Minimu ta' ĦAMES passes fil-Livell Ordinarju (SEC/GCE) fil-Livell MQF 3**

**• kwalunkwe 3 suġġetti oħra mil-lista approvata tal-Università ta' Malta. Madankollu, ċertifikat wieħed ikklassifikat fil-Livell MQF 3 mill-MQRIC għandu jiġi rikonoxxut bħala validu għad-dħul f'dan il-kors.**

## Kors 2:

## Kors ta' Livell Avvanzat - Intermedju - Ordinarju (AIO)

### Rekwiżiti tad-dħul għall-dan il-kors:

**Pass (Livell MQF 3/GRAD C) f'erba' Livelli Ordinarji (SEC/GCE) fi kwalunkwe suġġett.**

**Madankollu, ċertifikat wieħed ikklassifikat fil-Livell MQF 3 mill-MQRIC għandu jiġi rikonoxxut bħala validu għad-dħul f'dan il-kors.**



Student jista' jagħżel li jistudja massimu ta' 4 suġġetti fil-Livell Avvanzat/Intermedju u/jew kwalunkwe livell Ordinarju STRETTAMENT skont id-disponibbiltà tal-ħinijiet.

Is-suġġetti tal-livell Avvanzat u Intermedju se jiġu koperti fuq perjodu ta' sentejn. Is-suġġetti tal-livell ta' reviżjoni Ordinarja se jiġu koperti fuq perjodu ta' sena.

L-għażla tas-suġġetti li għandhom jiġu studjati fil-livell Avvanzat trid issir mil-lista hawn taħt.

- Accounting
- Bijoloġija
- Ekonomija
- Franċiż
- Storja
- Teknoloġija Informatika (IT)
- Pure Maths
- Fiżika
- Kimika
- Komunikazzjoni Grafika
- Ġeografija
- Taljan
- Malti
- Filosofija
- Soċjoloġija
- Spanjol
- Arti
- Computing
- Ingliż
- Ġermaniż
- Ekonomija Umana
- Marketing
- Mużika
- Tagħlim Reliġjuż
- Teatru u Prestazzjoni

L-għażla tas-suġġetti li għandhom jiġu studjati fil-livell Intermedju trid issir minn:

- Accounting
- Bijoloġija
- Computing
- Studji Ambjentali
- Home Economics and Human Ecology
- Malti
- Applied Maths
- Fiżika
- Spanjol
- Tagħlim Reliġjuż
- Kimika
- Informatika (IT)
- Ekonomija
- Teatru u Prestazzjoni
- Ingliż
- Ġermaniż
- Marketing
- Ġeografija
- Mużika
- Psikoloġija
- Soċjoloġija
- Arti
- Studji Klassiċi
- Komunikazzjoni Grafika
- Franċiż
- Storja
- Taljan
- Oqsma tal-Għerf (SOK)
- Pure Maths
- Filosofija
- Edukazzjoni Fiżika

L-għażla tas-suġġett li għandu jiġi studjat fil-livell Ordinarju trid issir mit-tabella hawn taħt. *(skont id-disponibbiltà tal-ħinijiet)*

- Matematika
- Kimika
- Lingwa Ingliża
- Taljan
- Spanjol
- Ġermaniż
- Fiżika
- Bijoloġija
- Malti
- Franċiż
- Accounting
- Tagħlim Reliġjuż
- Edukazzjoni Fiżika
- Malti bħala lingwa barranija*



*offrut fuq perjodu ta' sentejn

**Nota rigward is-suġġetti ta' reviżjoni fil-livell Ordinarju:**

**L-istudenti li japplikaw għal kwalunkwe suġġett fir-reviżjoni tal-livell Ordinarju idealment iridu jkunu diġà studjaw is-suġġett fil-livell sekondarju.**



## Kors 3:
## Għażla 1: Suġġetti ta' Reviżjoni

### Suġġetti ta' Reviżjoni - Livell Ordinarju

**Tul: Sena**

L-istudenti li jieħdu suġġetti ta' Reviżjoni tal-Livell Ordinarju jistgħu jagħżlu mil-lista tas-suġġetti tal-Livell Ordinarju offruti, jekk l-iskeda tal-ħinijiet tippermetti.

- Matematika
- Kimika
- Lingwa Ingliża
- Taljan
- Spanjol
- Ġermaniż
- Fiżika
- Bijoloġija
- Malti
- Franċiż
- Accounting
- Tagħlim Reliġjuż
- Edukazzjoni Fiżika
- Home Economics and Human Ecology
- Malti bħala lingwa barranija



## Għażla 2: Studju Akkademiku (Part-Time)

**Tul: Sena jew Sentejn**

**L-istudenti jistgħu japplikaw għal Studju Part-Time:**

- **Jekk l-għażla tagħhom ta' suġġetti ma tissodisfax ir-rekwiżiti minimi tal-korsijiet l-oħra offruti**
- **Jekk jixtiequ jattendu sessjonijiet prattiċi biss**
- **Dawk li jaqgħu taħt il-klawsola tal-maturità**
- **Għal studenti li qed jirrepetu t-tieni sena tal-istudju tagħhom**

**Rekwiżiti tad-Dħul għal dan il-kors**

**Ċertifikat tal-ħruġ mill-iskola u/jew iċ-ċertifikat tal-ħruġ mill-iskola tagħna għal dawk li jixtiequ jirrepetu t-tieni sena tal-istudju tagħhom.**





# Informazzjoni importanti

## Lezzjonijiet

**Il-lezzjonijiet għal kull suġġett isiru kif ġej:**

**i. Livell Avvanzat: 5-7 lezzjonijiet fil-ġimgħa. Dan jinkludi tutorials jew sessjonijiet prattiċi.**
**ii. Livell Intermedju: 3 lezzjonijiet fil-ġimgħa.**
**iii. Livell Ordinarju: 4 lezzjonijiet fil-ġimgħa.**

## Reġistrazzjoni għall-Korsijiet fl-Iskola Tagħna

**Ir-reġistrazzjoni għall-korsijiet fl-iskola tagħna ssir online.**

**L-Ewwel Sejħa: 21 ta' Lulju 2025 sa tmiem Awwissu 2025.**
**It-Tieni Sejħa: 22 ta' Settembru 2025 sa tmiem Ottubru 2025.**

**L-istudenti huma meħtieġa jimlew formola ta' applikazzjoni online mis-sit elettroniku tal-iskola u jipprovdu d-dokumenti li ġejjin:**

1. **L-e-ID**
2. **Formola ta' kunsens tal-ġenituri/kustodji legali (għal studenti taħt is-16-il sena) – Ehmeż kopja**
3. **Ċertifikati tal-Edukazzjoni Sekondarja – Ehmeż kopja**
4. **Ċertifikat tal-Ħruġ (School Leaving Certificate) – Ehmeż kopja**
5. **Ritratt diġitali tal-passaport (format JPG)**
6. **Kontribuzzjoni online ta' €25 biex tkopri l-ispejjeż tad-djarju tal-iskola għas-sentejn.**

## Guidance

**It-Tim tal-Guidance fis-Sir M.A. Refalo Sixth Form joffri servizzi professjonali lil dawk li jixtiequ jirreġistraw magħna.**

**Huwa rakkomandat ħafna li student jikkonsulta mat-Tim tal-Guidance ta' Sir M.A. Refalo Sixth Form sabiex ikunu evitati clashes fl-iskeda, problemi marbuta mar-regolamenti u biex wieħed jiżgura li qed japplika għall-aħjar kors li jaqbel mal-aspirazzjonijiet tiegħu bħala student.**

**L-istudenti li jinkitbu magħna jintrabtu mal-proċess ta' reġistrazzjoni, li josservaw ir-regoli u r-regolamenti tagħna kif stipulat fid-Djarju tal-Iskola.**



# Applikazzjonijiet

**Applikazzjonijiet Tard**

**Applikazzjonijiet tard (wara li jagħlaq il-perjodu ta' reġistrazzjoni online) jistgħu jiġu aċċettati, suġġetti għal kontribuzzjoni ta' €20. Applikazzjonijiet li jaslu aktar tard matul is-sena jkunu wkoll suġġetti għal kontribuzzjoni ta' €20.**

**Applikazzjonijiet tard ma jinkludux dawk li japplikaw matul it-tieni sejħa ta' reġistrazzjoni wara r-riżultati tas-SEC re-sits f'Settembru.**

**Il-Klawsola ta' Maturità tal-Iskola:**

**Il-klawsola ta' maturità tapplika għal:**

1. **Studenti li għandhom 19-il sena jew aktar;**
2. **Studenti li diġà temmew kors ta' sentejn fl-iskola tagħna.**

**Noti**

1. **Studenti li ġejjin minn istituzzjonijiet edukattivi oħra jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dħul tal-iskola tagħna, b'mod partikolari li jkollhom marka ta' 45% jew aktar. Huma wkoll meħtieġa jippreżentaw ittra ta' riżenja mill-istituzzjoni preċedenti.**

2. **L-istudenti li jixtiequ jirreġistraw Sir M.A. Refalo Sixth Form għandhom ikollhom livell tajjeb tal-lingwa Ingliża, ekwivalenti għal mill-inqas Livell B1 fil-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għal-Lingwi – Self-Assessment Grid (Smigħ/Qari/Taħdit Interattiv/Taħdit Produttiv/Kitba).**

3. L-istudenti li jeħtieġu Arranġamenti Speċjali (Access Arrangements) għall-eżamijiet tal-iskola għandhom jindikaw din il-ħtieġa waqt ir-reġistrazzjoni. Dawn l-arranġamenti huma suġġetti għar-riżorsi disponibbli tal-iskola. Huwa r-responsabbiltà tal-istudent li japplika għall-arranġamenti għall-eżamijiet esterni mill-iskola.

## Studenti Barranin

Studenti barranin li japplikaw għal kors fis-Sixth Form u li m'għandhomx riżultati tas-SEC għandhom jikkuntattjaw Malta Qualification Recognition Information Centre - MQRIC fuq gov.mt biex jiksbu l-ekwivalenza tal-kwalifiki tagħhom.

Il-lezzjonijiet kollha fis-Sir M.A. Refalo Sixth Form jingħataw bl-Ingliż u/jew bil-Malti. Għalhekk, nirrakkomandaw li l-istudenti jkollhom livell tajjeb tal-lingwa Ingliża biex ikunu jistgħu jsegwu l-lezzjonijiet.

Nuqqas ta' għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża jista' jirriżulta f'diffikultajiet biex wieħed ilaħħaq mal-lezzjonijiet. Idealment, l-istudenti għandhom ikollhom livell ta' Ingliż ekwivalenti għal B1 fil-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għal-Lingwi.

## Ekwivalenza tar-Rekwiżiti

**Għall-korsijiet l-oħra kollha, ċertifikat wieħed li jkun ikklassifikat bħala MQF Livell 3 mill-MQRIC jista' jkun rikonoxxut bħala validu għad-dħul għall-korsijiet tagħna.**

**Għal aktar informazzjoni dwar MQRIC, żur is-sit elettroniku uffiċjali fuq https://mfhea.mt.**



## Ripetizzjoni tal-Ewwel Sena fis-Sir M.A. Refalo Sixth Form

**L-istudenti li jixtiequ jirrepetu l-ewwel sena tagħhom huma mitluba jerġgħu jirreġistraw mal-iskola billi japplikaw online permezz tas-sit elettroniku tal-iskola matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni.**

## Ripetizzjoni tat-Tieni Sena fis-Sir M.A. Refalo Sixth Form

**L-istudenti li jixtiequ jirrepetu t-tieni sena tal-istudji tagħhom għandhom japplikaw online permezz tas-sit elettroniku tal-iskola bħala studenti part-time.**

### Eżenzjonijiet

**Kull student tat-tieni sena li jixtieq isegwi suġġett ġdid jitħalla jattendi kemm il-lezzjonijiet tal-ewwel sena kif ukoll dawk tat-tieni sena, sakemm l-iskeda tal-lezzjonijiet tippermetti.**

# Servizzi għall-Istudenti

Sir M.A. Refalo Sixth Form , iċ-Ċentru tas-Servizzi għall-Istudenti joffri Gwida fuq il-Karriera u l-Vokazzjoni, kif ukoll Counselling u Għajnuna Pastorali.

Dan jinkludi ttestjar tal-karriera, esplorazzjoni u job shadowing, kif ukoll assistenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-futur professjonali tal-istudenti. It-Tim tal-Guidance jaħdem mill-qrib mal-SLT biex jiżgura li l-istudenti ġejjin mill-edukazzjoni sekondarja jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Barra minn hekk, jipprovdu Programm ta' Outreach għall-istudenti u l-ġenituri tagħhom, li jinkludi laqgħat ta' informazzjoni u formazzjoni dwar suġġetti relatati maż-żgħożija u l-edukazzjoni.

Dawn il-laqgħat jinkludu:
Il-proċess ta' transizzjoni għall-istudenti ġejjin minn skejjel sekondarji ghall-iskola tagħna.
Gwida dwar il-passi li jmiss għal studenti li jridu jkomplu l-istudji tagħhom fl-Università, MCAST, jew istituzzjonijiet terzjarji oħra.

Matul ix-xhur tas-sajf, l-iskola tagħna toffri sessjonijiet ta' gwida individwali għall-istudenti prospettivi dwar l-għażla tas-suġġetti tagħhom qabel ma japplikaw. L-istudenti jibqgħu jirċievu appoġġ kontinwu jekk jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-għażliet tagħhom, u t-Tim tal-Guidance jista' jissuġġerixxi għażliet alternattivi li jistgħu jkunu aktar adattati għall-ħiliet u l-abbiltajiet tagħhom.

Is-servizz ta' counselling u għajnuna pastorali jiġi offrut kemm b'mod informali kif ukoll f'sessjonijiet individwali. L-istudenti huma mistiedna jersqu lejn xi membru mit-Tim tal-Guidance jekk iħossu l-bżonn li jiddiskutu xi kwistjonijiet personali. It-tim jista' wkoll jigwida l-istudenti lejn servizzi professjonali jekk ikun hemm bżonn ta' għajnuna speċjalizzata.

# It-Tim Pastorali

Tim ta' għalliema u studenti jiffurmaw it-Tim Pastorali. Iċ-ċentru tagħna huwa l-Kappella bl-anness tagħha, post fejn insaħħu l-ispirtu, napprofondixxu l-fidi tagħna u nġeddu l-valuri Kristjani u soċjali bażiċi. Flimkien, ħafna studenti jgħixu r-reputazzjoni tagħhom ta' ġenerożità u solidarjetà billi jużaw it-talenti, l-entużjażmu u l-kreattività tagħhom b'mod tajjeb. Mhuwiex ta' sorpriża li, f'dawn l-aħħar snin, il-kampanji ta' karità tagħna laħqu eks-studenti li saru missjunarji fil-Perù, il-Gwatemala u l-Etijopja, kif ukoll lokalment lil ARKA, id-Dar tal-Providenza u Caritas.



# Il-Kunsill tal-Iskola

**Il-Kunsill tal-Iskola fis-Sir M.A. Refalo Sixth Form jikkonsisti mill-President maħtur mill-Ministeru, il-Kap tas-Sixth Form bħala Segretarju, tliet għalliema u tliet studenti. Il-Kunsill jiltaqa' darba fix-xahar biex jiddiskuti diversi suġġetti, inklużi attivitajiet u inizjattivi tal-iskola. L-elezzjoni għall-membri għalliema ssir kull sentejn, filwaqt li l-elezzjoni għall-membri studenti ssir kull sena f'Jannar. L-istudenti għandhom l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom u jressqu l-preokkupazzjonijiet tagħhom f'dan il-kumitat flimkien mal-għalliema.**



# Il-Kunsill tal-Istudenti

L-għan tal-Kunsill tal-Istudenti huwa li jipprovdi mezz ta' komunikazzjoni bejn l-istudenti u l-amministrazzjoni tal-iskola. Il-Kunsill jagħti lill-istudenti l-opportunità li jkunu involuti fid-deċiżjonijiet infrastrutturali rigward il-progress tal-iskola, kif ukoll fl-iżvilupp u t-tmexxija tal-attivitajiet skolastiċi, filwaqt li jippromwovi l-inklużjoni għal kulħadd.



# Servizzi – Librerija

L-istaff tal-Librerija jixtieq jagħraf lill-qarrejja bis-servizzi offruti fil-librerija mġedda reċentement tas-Sir M.A. Refalo Sixth Form.

L-istudenti u l-għalliema huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mil-librerija għall-istudju u r-riċerka f'ambjent kwiet. Wieħed jista' wkoll juża l-kompjuters, jissellef kotba u jaqra rivisti u ġurnali.

Il-kollezzjoni tal-librerija tagħna hija tinstab online, u l-kotba jistgħu jiġu mfittxija billi żżur l-websajt www.maltalibraries.gov.mt taħt Search the Public Libraries Catalogue. Issa aħna wkoll membri tal-entità Malta Libraries, u għal min jixtieq jissellef kotba b'mod uffiċjali, huwa meħtieġ li jkollu Karta ta' Sħubija (Membership Card) valida.

Bl-App Libby, wieħed jista' jaċċessa eBooks, audiobooks u eMagazines b'xejn. Kotba diġitali bil-Malti jistgħu wkoll jiġu missellfa billi jinħoloq kont Octavo.

Il-Lista tal-Kotba tat-Test għall-istudenti 2025 – 2027 tisab fuq il-websajt tal-Iskola taħt Student Information: Booklist. L-Iskola tagħna għandha xi kotba (Text books) li se jinbiegħu bi prezzijiet kompetittivi.

Grazzi talli qed tagħmlu użu mis-servizzi tal-librerija tagħna, u nittamaw li s-snin li tqattgħu magħna jkunu ta' suċċess u pjaċevoli.

Sur Mario Borg
Sa Pauline Camilleri



# Aġenzija Żgħażagħ

**Aġenzija Żgħażagħ toffri ħafna opportunitajiet liż-żgħażagħ biex jagħmlu ħbieb ġodda, jitgħallmu b'modi differenti, jiżviluppaw ħiliet, itejbu t-talenti tagħhom, jipparteċipaw f'diversi programmi u jsiru ċittadini attivi. Is-Servizz taż-Żgħażagħ ta' Aġenzija Żgħażagħ f'Għawdex jgħin biex dan isir realtà permezz tal-uffiċċju ewlieni tiegħu f'Għajnsielem u l-preżenza  f'diversi istituzzjonijiet edukattivi, fosthom il-Youth Hub f' Sir M.A. Refalo Sixth Form, Għawdex.**



# Youth Hub

Il-Youth Hub f'-Sir M.A. Refalo Sixth Form jiftaħ darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u Ġimgħa. Huwa ċentru miftuħ b'sofabeds, imwejjed u bankijiet, Table Soccer, 2 TVs, diversi logħob tal-bord u 2 PlayStations. Dan huwa spazju sigur fejn iż-żgħażagħ jistgħu jissoċjalizzaw u jilagħbu. Attivitajiet differenti jiġu organizzati fil-Youth Hub, bħal tournaments u attivitajiet ta' tagħlim, filwaqt li ż-żgħażagħ huma mħeġġa jissuġġerixxu, jippjanaw u jwettqu l-inizjattivi tagħhom.

Il-Youth Hub joffri wkoll informazzjoni dwar opportunitajiet u appoġġ personali. Żgħażagħ jistgħu wkoll jinkitbu f'programmi u inizjattivi fil-bidu tas-sena akkademika u matulha.

## Sibna hawn:

📍 Indirizz Postali:

Aġenzija Żgħażagħ Gozo Youth Services Ċentru Sant' Apollonia

L-Ewwel Sular, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, GSM 9018

📞 Telefon: 22586700

📧 Email: agenzijazghazagh@gov.mt

🌍 Websajt: www.youth.gov.mt

📲📸 Instagram: Aġenzija Żgħażagħ (@agenzija.zghazagh)

📘 Facebook: Aġenzija Żgħażagħ

# EDUKAZZJONI ĦOLISTIKA GĦALL-ISTUDENTI KOLLHA

Apparti l-istudju formali, Sir M.A. Refalo Sixth Form joffri lill-istudenti diversi opportunitajiet għal tagħlim addizzjonali u tkabbir personali. L-attivitajiet u l-programmi tagħna huma mfassla biex jiżviluppaw u jarrikkixxu lill-istudenti b'mod ħolistiku, f'ambjent informali u 'l bogħod mill-metodu tradizzjonali tal-ktieb.

Academia Plus hija inizjattiva maħsuba biex tħeġġeġ lill-istudenti kollha jesploraw ħiliet ġodda, iwessgħu l-limiti tal-kumdità tagħhom u jiksbu esperjenzi f'ambjent sigur u ta' appoġġ.

Għalkemm ninkoraġġixxu lill-istudenti jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet – kemm jekk fiżiċi, ta' servizz jew intellettwali – il-programmi mhumiex obbligatorji. Madankollu, huwa mixtieq li kull student jieħu sehem f'attività sinifikanti matul iż-żmien tiegħu f'Sir M.A. Refalo Sixth Form.

Meta student jipparteċipa f'programm, jirċievi ċertifikat mill-korp li jagħti l-għotja, jew ċertifikat ta' parteċipazzjoni/rikonoxximent. Id-dettalji dwar kull programm jinsabu fil-paġni li ġejjin.

Sa Joany Mizzi
Deputat Kap i/c Programme Extra-kurrikulari

# Il-Premju Internazzjonali tad-Duka ta' Edinburgh

Il-Premju Internazzjonali tad-Duka ta' Edinburgh huwa programm eċċitanti ta' żvilupp personali disponibbli għaż-żgħażagħ bejn l-14 u l-24 sena. Huwa volontarju, mhux kompetittiv, pjaċevoli, ibbilanċjat u jeħtieġ sforz kontinwu. Il-Premju huwa disponibbli f'140 pajjiż u territorju madwar id-dinja, bi tliet livelli ta' parteċipazzjoni: Bronż, Fidda u Deheb.

Dan il-Premju jħeġġeġ liż-żgħażagħ ifasslu l-programm tagħhom, jistabbilixxu l-miri tagħhom u jisfidaw lilhom infushom biex jilħquhom. Biex jilħqu l-livelli tal-Bronż, Fidda u Deheb, il-parteċipanti jridu jwettqu dawn l-oqsma ewlenin.

Servizz: Il-parteċipanti jagħtu ħinhom volontarjament fil-komunità tagħhom, jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-soċjetà u juru responsabbiltà soċjali.

Ħiliet: L-istudenti jiżviluppaw interessi personali u ħiliet prattiċi tal-ħajja. Jistgħu jagħżlu minn attivitajiet bla limitu, fosthom arti u snajja', computing u mużika.

Attività Fiżika: Jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ itejbu l-kundizzjoni fiżika tagħhom, jiksbu prestazzjoni aħjar u jħaddnu stil ta' ħajja b'saħħtu għal ġid mentali u fiżiku.

**Avventura:** Il-"Adventurous Journey" (AJ) jinkoroġixxi u jgħin liż-żgħażagħ biex jiżvillupaw spirtu ta' avventeura, jitħarrġu fil-ħila ta' problem-solving, jifhmu aħjar l-ambjent u jagħrfu limportanza li jaħdmu f'tim.

**Proġett Residenzjali:** Fil-livell tad-Deheb, il-parteċipanti jridu wkoll iwettqu proġett residenzjali ta' ħamest ijiem.



# Model European Parliament (MEP)

Mill-1994 l' hawn, il-Model European Parliament (MEP) qed joffri opportunità unika liż-żgħażagħ minn madwar 30 pajjiż biex jipparteċipaw f'simulazzjoni tal-Parlament Ewropew. Is-sessjonijiet tal-MEP isiru kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Bħala l-Koordinatur Nazzjonali tal-MEP Europe f'Malta, Aġenzija Żgħażagħ torganizza s-Sessjonijiet Nazzjonali biex tipprepara d-delegati Maltin għall-parteċipazzjoni fis-Sessjonijiet Internazzjonali, li jsiru f'pajjiż Ewropew differenti kull sitt xhur.
Il-MEP jgħin liż-żgħażagħ jiżviluppaw ħiliet essenzjali bħal taħdit fil- pubbliku, fid-dibattitu, fil-lobbying, fil-kitba ta' riżoluzzjonijiet, fix-xogħol f'tim, u, fuq kollox, jagħmlu ħbieb ġodda. Żgħażagħ bejn is-16 u d-19-il sena jistgħu jieħdu sehem fil-MEP.

Aġenzija Żgħażagħ torganizza s-selezzjonijiet nazzjonali, fejn jintgħażlu żewġ delegazzjonijiet biex jirrappreżentaw lil Malta fis-Sessjonijiet Internazzjonali tal-MEP f'Frar u Novembru 2025/2026.



## Award in Youth Leadership

Din hija opportunità eċċellenti għall-istudenti biex isaħħu l-ħiliet ta' tmexxija tagħhom permezz tal-Level 3 Certificate Award in Youth Leadership Programme. Il-programm huwa magħmul minn erba' taqsimiet, li joffru taħriġ komprensiv f'diversi aspetti tat-tmexxija. Dan l-Award għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti:

Jifhmu x'inhi t-tmexxija u l-istili differenti tagħha.
Jitgħallmu jikkomunikaw b'mod effettiv.
Jifhmu l-importanza tal-ippjanar strateġiku u ċ-ċittadinanza attiva.

Is-sessjonijiet kollha huma interattivi, b'ħafna spazju għal attivitajiet u diskussjonijiet, sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fil-materjal u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom b'mod pjaċevoli u dinamiku. Il-kumbinazzjoni ta' kurrikulu komprensiv, sessjonijiet interattivi u attivitajiet attraenti tagħmel dan il-programm għażla ideali għal dawk li jixtiequ jtejbu l-ħiliet ta' tmexxija tagħhom.



# L-iStudent Council Democracy Award




**Aġenzija Żgħażagħ toffri l-iStudent Council Democracy Award Project lill-istituzzjonijiet kollha tal-Post-Sekondarja. Dan il-proġett għandu l-għan mhux biss li jinkoraġġixxi l-iskejjel imma wkoll li jinvolvi l-istudenti fl-investiment fil-komunità skolastika tagħhom. Permezz tal-Democracy Award, il-proġett jippromwovi d-demokrazija billi jappoġġja l-kunsilli tal-istudenti biex jiksbu dan l-unur.**

**✅ Jinkoraġġixxi l-espressjoni u l-parteċipazzjoni tal-istudenti.**
**✅ Jgħin lill-istudenti jsiru parti attiva mill-komunità tal-iskola u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq kwistjonijiet li jolqtuhom.**
**✅ L-iskejjel jibbenefikaw ukoll, billi l-kunsilli tal-istudenti jġibu ideat ġodda u jsaħħu r-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti.**
**✅ Jippromwovi ċittadinanza attiva, teħid ta' deċiżjonijiet flimkien u involviment demokratiku.**
**✅ L-istudenti li jieħdu sehem jirċievu Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni u Tmexxija, u jiżviluppaw ħiliet importanti bħall-komunikazzjoni, ippjanar u organizzazzjoni.**

# YOUTH4ENTREPRENEURSHIP

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tinspira liż-żgħażagħ biex jadottaw approċċi innovattivi u jiżviluppaw ideat ta' negozju li jindirizzaw il-bżonnijiet u l-potenzjal uniku ta' Għawdex. Il-proġett jimmira wkoll li jsaħħaħ il-kunfidenza taż-żgħażagħ billi jiffoka fuq l-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi tal-gżira.

Kriterji ta' Eliġibbiltà:

- Età: 16 – 35 sena
- Residenza: Miftuħ għal residenti ta' Għawdex jew Malta
- Enfasi: L-ideat iridu jkunu marbuta direttament mal-pajsaġġ ekonomiku ta' Għawdex
- Parteċipazzjoni: Individwi jew gruppi ta' żgħażagħ jistgħu jipparteċipaw u jippreżentaw l-ideat tagħhom

X'inhu mistenni?

- Il-parteċipanti għandhom iħejju preżentazzjoni ta' 10 minuti fejn jippreżentaw il-proposta tan-negozju tagħhom quddiem panel ta' esperti.
- It-tema ta' din is-sena hija Innovazzjoni Diġitali, b'enfasi fuq Intelliġenza Artifiċjali (AI). Il-proposti għandhom jesploraw kif l-AI u t-teknoloġiji diġitali jistgħu jsolvu sfidi ekonomiċi ta' Għawdex u jikkapitalizzaw il-potenzjal tiegħu.
-

X'jirbħu l-Ideat Rebbieħa?

🏆 Premju finanzjarju
💼 Opportunità ta' internship

Din l-inizjattiva tagħti s-setgħa liż-żgħażagħ joħolqu soluzzjonijiet li jħallu impatt fuq l-ekonomija ta' Għawdex, filwaqt li jiskopru l-qasam dejjem jikber tal-AI.

# Junior Achievement Young Enterprise (JAYE)

**JAYE hija organizzazzjoni mhux governattiva u mhux għal skop ta' qligħ li tippromwovi l-Intraprenditorija, l-Impjegabbiltà u l-Litteriżmu Finanzjarju. L-għan ewlieni tal-Programm tal-Kumpanija huwa li jgħaqqad it-teorija mal-applikazzjoni prattika tan-negozju, u b'hekk joffri lill-istudenti esperjenza unika. Aktar minn 5000 student mill-1989 saru achievers permezz ta' din l-esperjenza.**

**L-istudenti jingħataw l-opportunità jiżviluppaw diversi ħiliet soċjali bħal ħidma f'tim, tqassim tal-ħin u valutazzjoni tar-riskju milll-esperjenza. Dan il-programm jagħti lill-parteċipanti ċ-ċans jesperjenzaw tagħlim li tipikament ma jkunx inkluż fil-kurrikulu. L-esperjenza hija waħda li ma tintesiex.**



# Euroscola

**Euroscola jagħti l-opportunità lill-istudenti ta' bejn is-16 u t-18-il sena biex jesperjenzaw x'jiġifieri li tkun Membru tal-Parlament Ewropew u biex jifhmu aħjar l-UE. Kull sessjoni ta' Euroscola tilqa' studenti tal-iskejjel sekondarji mill-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea biex iqattgħu ġurnata fi Strasbourg 'jaħdmu' bħala Membri tal-Parlament Ewropew.**

**L-istudenti jqattgħu l-ġurnata jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE permezz ta' dibattiti fil-plenarja, jinnegozjaw mal-kollegi, jivvutaw u japprovaw rizoluzzjonijiet fuq temi Ewropej. Dan jagħtihom l-opportunità jinteraġixxu u jaqsmu informazzjoni filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-kooperazzjoni interkulturali.**

**Barra minn hekk, l-istudenti jingħataw iċ-ċans jintroduċu l-iskola u r-reġjun tagħhom, li jżid id-diversità u jarrikkixxi d-djalogu kulturali. Kull skola tista' tipparteċipa b'24 student biss f'Euroscola. Il-kandidati interessati li japplikaw huma meħtieġa jagħmlu eżami li jsir fl-iskola tagħhna. L-istudenti li jirnexxu jirċievu sussidju sostanzjali biex ikopru parti mill-ispejjeż tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni tagħhom fi Strasbourg.**



# ASDAN

**ASDAN huma korsijiet ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment li jgħinu biex jiżviluppaw aktar it-talenti tal-istudenti.**

**ASDAN hija organizzazzjoni innovattiva li tiżviluppa kurrikuli u tippremja kwalifiki li jħeġġu b'mod dirett ħiliet għat-tagħlim, għax-xogħol u għall-ħajja.**

**Il-programmi ta' ASDAN jinvolvu, jimmotivaw u jippremjaw lill-istudenti billi jagħmlu t-tagħlim rilevanti u trasferibbli. Dawn jappoġġjaw diversi metodi u kuntesti ta' tagħlim, jippromwovu t-tagħlim attiv u l-ħila li wieħed jitgħallem. ASDAN tiċċelebra d-diversità ta' żgħażagħ b'ħafna talenti differenti.**

**Bħala ċentru reġistrat, nipprovdu korsijiet f'diversi suġġetti, inkluż Sports u Fitness, Futbol, Arti Espressiva u Volontarjat.**



# Erasmus +

Sir M.A. Refalo Sixth Form hija skola akkreditata li tipparteċipa b'mod attiv f'proġetti Erasmus+ u eTwinning. Dawn l-inizjattivi internazzjonali jipprovdu opportunitajiet siewja kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema biex jieħdu sehem f'skambji kulturali, jikkollaboraw ma' istituzzjonijiet madwar l-Ewropa, u jiżviluppaw ħiliet essenzjali għall-futur.
Permezz ta' dawn il-proġetti, il-parteċipanti jsaħħu l-esperjenzi tagħhom ta' tagħlim, jespandu l-perspettivi tagħhom u jibnu netwerks b'saħħithom li jmorru lil hinn mill-klassi. Billi nħeġġu l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni u t-tkabbir personali, l-iskola tagħna tibqa' impenjata li toffri esperjenza edukattiva, dinamika u ta' valur.








# Oħrajn

**<u>eTwinning:</u>** **Kun parti minn tim u oħloq proġett flimkien ma' skejjel oħra fl-Ewropa billi tuża firxa wiesgħa ta' għodod diġitali u l-pjattaforma eTwinning.**

**<u>Kunsill tar-Rappreżentanti tal-Istudenti (SRC):</u>** **Il-kunsill tal-istudenti jgħin biex jaqsam l-ideat, l-interessi u t-tħassib tal-istudenti mal-għalliema u mat-tim maniġerjali tal-iskola. Spiss jgħinu wkoll biex jinġabru fondi għal attivitajiet ta' divertiment ghall-istudent inklużi avvenimenti soċjali, proġetti komunitarji u għajnuna lil dawk fil-bżonn. Ħafna mill-membri jiksbu ħiliet li jkomplu jarrikkixxu l-edukazzjoni formali tagħhom.**



**<u>EkoSkola:</u>** **L-għan ta' dan il-kumitat huwa li jagħti s-setgħa lill-istudenti biex jieħdu rwol attiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u fl-azzjoni kemm fl-iskola kif ukoll fil-komunità tagħhom.**

**<u>Il-Kunsill:</u>** **Fil-Kunsill, tliet studenti eletti jingħataw l-opportunità li jaħdmu flimkien mal-għalliema, il-Kap tal-iskola u l-President tal-Kunsill fit-teħid tad-deċiżjonijiet.**

**L-elezzjonijiet għar-rappreżentanti tal-istudenti jsiru kull sena f'Jannar, u l-Kunsill jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar. L-istudenti li jkunu parti minn kunsill jew kumitat jirċievu ċertifikat ta' rikonoxximent.**

## Dettalji ta' Kuntatt tal-Iskola

- Linja Ġenerali/Amministrazzjoni: 2598 3950
- Kap tal-Iskola: 2598 3951
- Deputati Kapijiet: 2598 3952/3/5/6
- Koordinatur tal-Guidance Team: 2598 3966
- Dipartiment tal- Guidance u counselling: 2598 3964/5
- Servizzi tal-Librerija tas-Sixth Form: 2598 3971
- Email tal-Librerija tas-Sixth Form: mario.borg.3@ilearn.edu.mt
- Servizzi tal-Printing Room: 2598 3984 / printroom.smarefalo@ilearn.edu.mt
- Email: smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt
- Website tal-Iskola: http://smarsf.edu.mt



# Il-missjoni ta' Sir M.A. Refalo Sixth Form

**Sir M.A. Refalo Sixth Form għandu l-għan li jkun pass ieħor fil-vjaġġ edukattiv tal-istudenti tagħna. Nimmiraw li nsaħħu lill-istudenti b' ħiliet kritiċi u valuri sodi li jippermettulhom isiru ċittadini responsabbli, edukati u awtonomi.**

